

I

(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)

RAKKOMANDAZZJONIJIET

BANK ĊENTRALI EWROPEW

RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-5 ta' Diċembru 2008

lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Bank Ċentrali ta' Malta

(BĊE/2008/19)

(2008/C 322/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Bank Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u partikolarment l-Artikolu 27.1,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Eurosistema huma vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rrikmandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat ta' l-awdituri esterni ta' bħalissa tal-Bank Ċentrali ta' Malta se jispiċċa wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2008. Jinhtiegħ għalhekk li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2009.

- (3) Il-Bank Ċentrali ta' Malta għażel lil KPMG bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2009 sa 2013,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Huwa rrikmandat li KPMG għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni tal-Bank Ċentrali ta' Malta għas-snin finanzjarji 2009 sa 2013.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fil-5 ta' Diċembru 2008.

Il-President tal-BĊE
Jean-Claude TRICHET